## 16 ta' Marzu, 1992

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

George Xuereb *et*

*versus*

Dottor Philip Attard Montalto *et noe*

## Nullità ta' Sentenza – Talba fil-Petizzjoni ta' l-Appell

*Il-konvenuti appellaw għaliex irritenew illi s-sentenza ta' l-ewwel Qorti kienet nulla.*

*L-eċċezzjoni ta' nullità ta' xi att ġudizzjarju hija kkunsidrata fl-artikoli 789 u 790 tal-Kap. 12. Partikolarment l-aħħar wieħed, jipprovdi għal dak li hija l-proċedura korretta ta' din il-Qorti ta' l-Appell meta tiġi rinfaċċjata b'tali eċċezzjoni. Ħlief għal dawk l-okkażjonijiet meta n-nullità tirrigwarda (a) nuqqas ta' ġurisdizzjoni (b) nuqqas ta' ċitazzjoni, u (ċ) l-illeġittimitá tal-persuna, l-eċċezzjoni ta' nullità ma tiġix milqugħa jekk fis-sustanza tagħha, is-sentenza tkun ġusta.*

*Talba ta' riforma tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti wara sottomissjoni ta' nullità relattiva m'hiex inkompatibbli.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Fil-petizzjonijiet ta' l-appelli mis-sentenza tas-27 ta' Frar 1987 tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Kompetenza Kummerċjali Superjuri, li intavolaw il-konvenuti, l-ewwel sottomissjoni tagħhom kienet illi:

Is-sentenza hija nulla għaliex l-azzjoni intentata mill-atturi, l-azzjoni Pauliana jew revokatorja, ma tagħtix lok għad-dikjarazzjoni tan-nullità tal-kuntratt u r-rexissjoni tiegħu għaliex il-kuntratt attakkat irid ikun anzi validu biex tista' ssir din l-azzjoni, u dan jiġi rrevokat bl-operat tal-Qorti unikament in forza ta' liġi *"ad hoc"* ċjoè l-artikolu 1187 tal-Kodiċi Ċivili. Ir-rexissjoni tingħata meta ssir l-azzjoni simulatorja. Jekk att ikun null ma tistax issir l-azzjoni revokatorja għaliex dak l-att ma jeżistix;

Wara l-esposizzjoni ta' l-aggravji kollha l-appellanti, fiż-żewġ petizzjonijiet ikkonkludew hekk: –

"...jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata...";

L-atturi appellati ssottomettew illi l-appellanti huma preklużi milli jqajmu, f'dan l-istadju, kwalunkwe eċċezzjoni li taffettwa l-validità tas-sentenza. Talba **għar-riforma** tas-sentenza ta' l-ewwel grad, teskludi l-possibbiltà li l-Qorti teżamina, allegazzjoni ta' nullità tas-sentenza fuq sottomissjoni ta' l-istess parti;

*Din is-sentenza preliminari hija dirett għas-soluzzjoni ta'* din l-eċċezzjoni sollevata mill-atturi appellati;

L-eċċezzjoni ta' nullità ta' xi att ġudizzjarju hija kkunsidrata fl-artikolu 789 u 790 Kap. 12. Partikolarment l-aħħar wieħed, jipprovdi għal dak li hija l-proċedura korretta ta' din il-Qorti ta' l-Appell meta tiġi rinfaċċjata b'tali eċċezzjoni. Ħlief għal dawk l-okkażjonijiet meta n-nullità tirrigwarda (a) nuqqas ta' ġurisdizzjoni, (b) nuqqas ta' ċitazzjoni, u (ċ) l-illeġittimità tal-persuna – l-eċċezzjoni ta' nullità ma tiġix milqugħa jekk fis-sustanza tagħha, is-sentenza tkun ġusta;

Dan l-artikolu jindika x'għandha tkun l-ewwel parti tas-soluzzjoni għall-oġġezzjoni proposta mill-atturi appellati. Difatti jekk kemm-il darba l-appellanti, fil-petizzjoni tiegħu jissottometti li s-sentenza appellata hija nulla għal xi waħda mit-tliet raġunijiet imsemmija, il-Qorti tkun **obbligata** li tannulla s-sentenza *mogħtija minn qorti li ma kellhiex ġurisdizzjoni, jew fin-nuqqas* ta' ċitazzjoni jew tkun mogħtija fil-konfront ta' persuna illeġittima – u dan anki fil-każ li l-appellant fit-talba finali tiegħu, ma jitlobx l-annullament tas-sentenza imma jitlob sempliċement ir-revoka jew ir-riforma tas-sentenza nulla;

It-tieni parti tas-soluzzjoni ssegwi, għaliex, la n-nullità pretiża mhix waħda minn dawk it-tlieta, fil-każ preżenti, anki jekk il-Qorti ssib li hemm in-nullità allegata, xorta waħda, dak li l-Qorti tasal biex tiddeċidi, jiddependi mill-ġustizzja sostanzjali o meno tas-sentenza, u għalhekk id-deċiżjoni tissanzjona jew ir-revoka, jew ir-riforma, jew il-konferma tas-sentenza, imma mhux in-nullità tagħha. U allura talba ta' riforma, wara sottomissjoni ta' nullità relattiva, m'hiex inkompatibbli u l-objezzjoni ta' l-

atturi appellati ma tintakkax ir-ritwalità ta' l-appelli. Del resto, fin-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-istess appellanti, tal-31 ta' Awissu, 1989, hemm indikati diversi kawżi fejn din il-Qorti segwiet din il-proċedura;

Għalhekk l-oġġezzjoni preliminari ta' l-atturi appellati fis-sens li l-appellanti huma preklużi milli jopponu n-nullità tas-sentenza appellata, ma tistax tiġi aċċettata;

L-ispejjeż ta' dan l-inċident għandhom ibatuh l-atturi appellati;

*Il-kawża differita "sine die"* riappuntabbli wara li tiġi deċiża, b'mod finali l-kawża.